# Il-Ħuttafa

numru 119

Novembru - Diċembru 2013




BirdLife Malta

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

# Ħbieb Ħuttaf...

## editorjal

Kif żgur tafu jekk sifirtu jew rajtu dokumentajri fuq it-televixin, Malta nieqsa ħafna mis-siġar u mill-ħdura. Ma niskantax, wara kollox ngħixu f'pajjiż żgħir ħafna, mimli nies, moqli bix-xemx, nieqes mix-xita, u għandna ħamrija baxxa u fqira. X'tistenna?

Ħa ngħidilkom x'nistenna: nistenna li l-ftit siġar li għandna nieħdu ħsiebhom daqs il-mimmi t'għajnejna. Imma tħares madwarek u x'tara?

Vjal b'siġar kbar tal-Fiku fuq kull naħa, tmur ġimgħa wara u flokhom issib ringiela arbli tad-dawl.

Ġnien publiku mimli siġar kollha weraq u bl-għasafar jgħannu, jorqdu u jbejtu fihom, tmur l-għada u ssib is-siġar imqaxxrin qishom skeletri kważi bla werqa waħda.

Pjazza b'siġar tal-Ballut m'għola żewġ sulari, tmur wara ġimgħa u ssibhom nani forma ta' kaxxa.

*Centre-strip* b'ringiela arbuxxelli għoljin tal-Bruk, tmur wara ġimgħa u ssib li ġabuhom forma ta' ċint baxx aħdar, bilkemm tinduna li pjanti.

Jien ma nistax nifhem x'inhi dil-gwerra kontra s-siġar. X'inhu dal-ġenn biex inneħħu kull werqa mill-bliet u rħula tagħna? Ara qis li tiġu għat-taħwila siġar li għandna f'Diċembru, għall-inqas inpattu ftit għas-siġar li qed jinqerdu, hux.

F'isem il-Klabb nixtieq lilkom u lill-familja l-Milied it-Tajjeb.



Aħna sejrin inħawlu.

Victor

**Victor Falzon** l-Editur




Biċċa triq ġdida li qed tinbena fil-Manikata.
Tgħid x'ħa jiġrilha dik il-ħarruba li issa ġiet f'nofs it-triq?

Victor Falzon

## mal-faċċata



**Il-malvizz** (song thrush) huwa għasfur komuni tal-ħarifa. Eluf jgħaddu minn Malta kull sena imma eluf minnhom imutu kif jaslu. Il-malvizz huwa popolari ħafna mal-kaċċaturi, u bħas-soltu dil-ħarifa nqatlu eluf ta' mlievez. Għaliex joqtluhom? Hekk, għall-gost.

Ritratt ta' Aron Tanti

## il-Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3-4 |
| Aħbarijiet mid-Dinja | 4 |
| Il-Venewwa | 5 |
| L-Ambjent Urban | 5 |
| Attività | 6 |
| Avviżi | 6 |
| Intervista mat-Tulliera | 6 |
| Daqs Nitfa | 7 |
| Tellieqa Tajr | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Selmunett | 10-11 |


## il-Kumitati


### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Martin Austad (kap) • Anne Marie Austad • Nicholas Galea • Timothy Micallef


## il-Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa, u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta.
Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

## il-Kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Diċembru 2013
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# Ir-riservi reġgħu fetħu

## Kif jiġri kull ħarifa...

...ir-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar issa reġgħu miftuħin għall-publiku. Wara sajf ta' nixfa issa reġa' wasal l-istaġun tax-xita, u ftit ftit l-għadajjar u l-kanali taż-żewġ riservi jerġgħu jimtlew bl-ilma. U bil-ħajja!

## Meta u x'ħin?

**Is-Simar**
Il-Ħadd 10.30am sa 4.30pm
**L-Għadira**
Sibt u Ħadd 10.30am sa 4.30pm

## Kemm tħallas?

€0.00 kull persuna!






Nicholas Galea

It-total ta' speċi ta' għasafar li dehru Malta issa tela' għal...







# From Russia with love

Kmieni filgħodu l-Ħadd 17 Novembru 2013 tnejn minn sħabna l-bird ringers tal-BirdLife - Joseph Mangion u Caldon Mercieca - kienu qed jirringjaw l-għasafar fil-Buskett meta fix-xibka daħlilhom għasfur żgħir. Mad-daqqa t'għajn kien qisu speċi komuni bħal pitirross, imma x'ħin ħelsuh mix-xibka u rawlu dak id-denb ikħal naħseb qalbhom kważi waqfitilhom! Għax dan ma kien pitirross xejn imma **Fjamma Kaħla** (Red-flanked Bluetail *Tarsiger cyanurus*). Il-Fjamma Kaħla tgħix in-naħa ta' fuq tar-Russja u rari ħafna tersaq lejn l-Ewropa tal-Punent, aħseb u ara lejn il-Mediterran. Għal Malta dan kien għasfur ġdid għal kollox.

Wara li rringjawh u ħadulu xi ritratti, ir-ringers naturalment reġgħu ħelsuh, kif isir dejjem.

Prosit Joe u Caldon, il-Milied wasal kmieni għalikom!

# Passa ta' Tigri



F'Malta d-**Danaws** (African Monarch jew Plain Tiger Butterfly) huwa rari imma kultant ipassu numru minnhom minn pajjiżna. Fit-tieni ġimgħa ta' Novembru għaddew mijiet (jekk mhux eluf) minnhom, u kull min iħobb in-natura għoxa jarawhom!

Aron Tanti

Għalkemm hawnhekk nagħtukom l-aħbar tal-għasfur il-ġdid, kull każ ta' speċi ġdida jkun għad iridu jistudjawh grupp ta' esperti tal-BirdLife li jissejjaħ Rarities Committee, imbagħad jiddeċiedu jaċċettawhx jew le. Naturalment każ ċar u ovvju bħal dan ma tantx hemm dubju dwaru.

# Povri ajkli

Tard wara nofsinhar tat-23 Ottubru 2013 wasal Malta grupp ta' iktar minn 50 ajkla. Ħafna minnhom kienu **Ajkli Bojod** (short-toed eagle) u l-bqija kienu **Ajkli tal-Kalzetti** (booted eagle) u xi **Ajkli tat-Tikek** (lesser spotted eagle). Kif jiġri kull meta f'pajjiżna jitfaċċa tajr kbir jew rari, xi kaċċaturi qabadhom ferħ ta' ġenn u bdew jisparaw fuq l-ajkli, avolja għasafar protetti. Peress li beda jidlam l-ajkli bdew jinżlu fis-siġar biex jorqdu, u dak il-lejl nies tal-BirdLife għamlu kemm felħu għassa f'dawn il-postijiet, peress li xi kaċċaturi anke jisparaw fuq għasafar reqdin fis-siġar! Sa l-għada n-numru ta' ajkli li kompla t-triq jen l-Afrika kien ħafna inqas minn 50 :(



Ajkla Bajda



Eżattament f'*Il-Ħuttafa* 86 ta' Mejju-Ġunju 2008.

# Mostri fuq il-Mistra

Xi snin ilu konna ħabbarna f'*Il-Ħuttafa* li x-Xemxija kienu se jinbnew blokok ta' appartamenti li kienu ħa jirvinaw id-dehra tal-bajja ħelwa tal-Mistra. Dak il-proġett kien weħel minħabba permessi. Imma issa l-permessi ħarġu (bi ftit tibdil u tnaqqis) u għalhekk ħa jinbnew sitt blokkijiet enormi (total ta' 750 flett) fil-quċċata tal-għolja! Ħa jirvinaw għal dejjem l-għolja tax-Xemxija u l-veduta madwarha, u se jżidu mat-traffiku, mat-trabijiet u mal-istorbju. Prosit għalina.

Victor Falzon

## Aħbarijiet mid-Dinja



### 200 jum

Bħall-iljunfanti, ir-rinoċeronti wkoll qed jerġgħu jinqatlu bl-addoċċ fl-Afrika. Joqtluhom il-kaċċaturi biex jeħdulhom il-qarn ta' fuq imniħirhom. Dal-qarn ibigħuh f'pajjiżi bħall-Vjetnam u ċ-Ċina, fejn jaħsbu li fih valur mediċinali (ma fih xejn fil-fatt!) u fejn jiswa iktar mid-deheb! Il-pajjiżi Afrikani suppost li jipproteġu r-rinoċeronti imma spiss ma jkollhomx flus biex iħallsu gwardjani. B'xorti tajba fir-riserva naturali ta' Madikwe (li kbira darbtejn daqs Malta) fl-**Afrika t'Isfel**, fondazzjoni sinjura tat il-flus biex jitħarreġ tim ta' gwardjani armati biex jgħassu r-rinoċeronti. Bis-saħħa ta' dawn l-għassiesa, issa ilu 200 jum ma jinqatel rinoċeront f'Madikwe.




### Xemxata

Il-kumpanija Google u kumpanija oħra ħa jonfqu €300 miljun biex jibnu sitt impjanti fl-**Istati Uniti** biex jipproduċu enerġija mix-xemx. Dawn l-impjanti bejniethom ħa jipproduċu biżżejjed elettriku għal 17,000 dar. Peress li mix-xemx, din tkun enerġija nadifa u bla tniġġis. Go Google go!



### Żdiedu

Ftit ilu fin-**Nepal** xjenzati kkalkulaw li fil-pajjiż hemm total ta' xi 200 tigra. Mhux numru kbir, imma n-naturalisti xorta ferħu ħafna għax dan kien fil-fatt żieda ta' 63% fuq l-aħħar darba li għoddewhom (fl-2009). Bħalissa l-[1]WWF qed tagħmel sforzi biex sas-sena 2022 in-numru ta' tigri fid-dinja jirdoppja. Tgħid jirnexxielha?



### Ġdida

Ftit ġimgħat ilu fil-baħar ħdejn South Carolina fl-**Istati Uniti** sabu speċi ġdida ta' kurazza (hammerhead shark). Din hija l-Carolina Hammerhead *Sphyrna gilberti*. Tixbaħ lil speċi oħra imma x-xewka ta' dahar din il-ħuta fiha inqas irkiekel. Ma jafux hix komuni, imma probabbli hija rari għax is-sajjieda jistadulha għax-*sharkfins*.



### Diga

Il-gvern tal-**Guyana** jrid jibni sensiela ta' digi (dams) fuq ix-xmara Mazaruni u jgħarraq medda kbira ta' foresta tropikali. Dawn il-foresti huma ġenna tal-art għan-natura - xadini, ġagwar, pappagalli, orkidi u eluf ta' speċi oħra - u fihom jgħixu wkoll komunitajiet ta' nies indiġeni li jiddependu għal kollox mill-foresta.

[1]**WWF**. Il-World Wildlife Fund hija għaqda dinjija li tiġbor flus biex tgħin proġetti biex jitħarsu ħabitati, annimali u pjanti madwar id-dinja. Anke r-riserva tagħna tal-Għadira saret bl-għajnuna tal-WWF!

# X'nista' nara tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

## Venewwa **Northern Lapwing** *Vanellus vanellus*

Fid-dehra tagħha l-Venewwa żgur li ma tħabbtekx biex tagħrafha, għax il-pjumi li joħorġu minn rasha jtuha dehra mill-aktar partikulari. Anke t-titjira mmewġa tagħha, fuq ġwienaħ wisgħin u pjuttost tondi, hi unika għal dan l-għasfur. Fl-Ewropa l-Venewwa ssibha tirgħa u tbejjet fir-raba' maħdum mill-bdiewa, ambjent komuni ħafna fil-kontinent tagħna Tiekol kull xorta ta' dud u insetti, l-aktar matul il-lejl u speċjalment meta d-dlam ikun miksur mid-dawl tal-qamar.

B'xorti ħażina t-tibdiliet li seħħu fl-agrikoltura f'dawn l-aħħar tletin sena laqtuha ħażin ħafna, u għalkemm mhix xi għasfur rari, in-numri tagħha naqsu sew. Fix-xitwa tinġabar fi qtajjiet kbar. F'pajjiżna tidher tard fil-ħarifa. B'xorti ħażina, dan l-għasfur sabiħ ma jgawdix protezzjoni u hu mfittex ħafna mill-kaċċaturi.







It-tpinġija meħuda mill-ktieb apposta għat-tfal. Dal-ktieb jis
il-BirdLife jew billi żżur ir-rise




## MappAmbjenti 2 Urban u Żvilupp

Kif rajna l-aħħar darba, l-iktar ambjent komuni fil-Gżejjer Maltin huwa l-għelieqi. It-tieni l-iktar ambjent komuni ukoll ħolqu l-bniedem, u dan huwa l-ambjent **urban**.

L-urban huwa l-ambjent fejn ngħixu aħna l-bnedmin. Fil-mappa huwa l-area kkulurita, u hemm ċappa mhux ħażin hux! Dan għaliex f'Malta jgħixu kważi nofs miljun ruħ (+ miljun turist ieħor kull sena!). Minħabba f'hekk ħafna nies jgħixu f'geġwiġija ta' bini u ftit jaraw beraħ u ħdura. Huwa ħażin li għajnejna u moħħna ma nserrħuhomx xi ftit mill-bini, traffiku u storbju.

Flimkien mal-bini fil-mappa daħħalna wkoll postijiet oħra ta' żvilupp: industrija u fabriki, barrieri, inħawi ta' divertiment u villeġġatura, portijiet, l-ajruport u toroq. Flimkien dawn jgħattu 30% ta' pajjiżna. Figura allarmanti.

Għalkemm l-urban huwa l-ambjent tal-bniedem, bi ftit ħsieb u kura nistgħu nħajru ħafna natura żżur l-ambjent fejn ngħixu aħna, fosthom għasafar, rettili, insetti u pjanti.




**Ħafna rħula tant kibru li daħlu f'xulxin. Hawn fuq jidhru partijiet minn Birkirkara, Ħal Lija, Ħal Balzan u San Ġwann li saru kważi ħaġa waħda.**





attività

# Taħwila l-Foresta

Victor Falzon

Is-siġar f'Foresta 2000 qed jikbru, l-aħwa! Jekk dix-xitwa tagħmel ftit xita sew, mis-sajf li ġej ħafna minnhom ikunu jistgħu jkomplu jikbru weħidhom bla bżonn li nsaqquhom. Ikunu veru saru naturali. Imma ħafna oħrajn għadhom żgħar wisq biex ifendu għal rashom. U kif nagħmlu kull sena, aħna tal-Klabb ħa mmorru nżidu ftit iktar siġar u arbuxxelli żgħar. U kif inkunu hemm, imbagħad induru dawra mal-post flimkien mar-rejnġer tal-Foresta. Qis li narawkom!



Aron Tanti

F'Foresta 2000 spiss jinżlu eluf ta' sturnell

Dakinhar inqassmu l-istiker I ♥ Klabb Ħuttaf numru 11.



Data **Il-Ħadd 15 Diċembru 2013**
Niltaqgħu **Ħdejn ir-riserva tal-Għadira**
Ħin **Fid-9am**
Nispiċċaw **Xi 11.30am**
Ġibu **X'tieklu u x'tixorbu, żarbun tal-mixi**
Merħba **Membri* u l-familja**



*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir (18+).




Dan il-*colouring book* ta' 40 paġna **għalik** jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf, jew tidħol membru (jekk għadek m'intix).

**Żuru dawn il-kmamar fuq**

>> fronter

**Niskopru n-Natura ma' Klabb Ħuttaf**



Fil-corridor Other Rooms

**Dinja Waħda**




Fil-corridor Educational Entities

**Ir-Riserva Naturali tas-Simar**



Fil-corridor Educational Entities

## Intervista ma' Fjura




Victor Falzon




**Għaliex jgħidulek 'sticky'?**
Għax il-weraq tiegħi tikka jdellek.

**Idellek għax maħmuġ?**
Le, x'jiġifieri maħmuġ! Dak għax il-weraq jipproduċi żejt b'riħa qawwija.

**Ifuħ jew jinten?**
Hawn min togħġbu u hawn min iddejqu. Inti x'taħseb?

**Mmm, togħġobni ngħid għalija. Ftit mediċinali, hux?**
Ma niskantax. Iż-żejt tiegħi ilu eluf tas-snin jintuża minnkom il-bnedmin għal xi kura jew ieħor.

**X'ambjent tħobb?**
Ma tantx għandi sinifiteti jien. Kif tara anka fl-imħarbat u qalb it-terrapien nikber tajjeb.

**Għandek xi problemi?**
Spiss jiġu ħaddiema jħanxruna mill-ġnub tat-toroq. Jgħidu qed inaddfu! X'affarijiet dawn!

**Ħasra, għax mimlija fjuri...**
Iva nagħmel fjuri bir-rimi u nipprovdi ikel għal ħafna insetti.

**Is-sena kollha tkun bil-fjuri?**
Le, il-ħarifa żmieni, u fil-fatt daqt nerfa' għax qed jiffriska.

**Mela ħa nħallik fil-paċi. Saħħa.**
Saħħa lilek.












Għalkemm żgħar, anke l-buful huma ġganti ħdejn l-iżgħar għasfur tad-dinja - il-Bee Hummingbird, li jgħix l-Amerka. Il-bajd li jbid dan l-għasfur huma daqs piżelli!




# Daqs nitfa!

Mhux l-għasafar kollha huma kbar bħall-ajkli u fjamingi. Fid-dinja tal-għasafar hemm ukoll in-nani.










F'Malta dehru iktar minn 40 speċi ta' buful, vjolini u bekkafiki. Uħud komuni, oħrajn rarissmi. Dawn it-tmienja huma fost l-iktar komuni, u erbgħa minnhom fil-fatt jgħixu magħna s-sena kollha.

Għal min qatt ma qabad tromba f'idu, il-buful kollu jidher l-istess. Imma bi ftit prattika malajr tibda tagħrafhom.










Il-buful jiekol ħafna insetti u brimb. Meta fix-xitwa ma jsibux insetti jieklu frott żgħir bħal *berries*.

Ħafna buful jgħix fil-foresti, imma hemm dawk li jippreferu l-makkja, ix-xagħri, il-qasab, anke ġonna tan-nies. Basta jsibu x'inaqqru u fejn jistaħbew.

Ritratti ta'
Aron Tanti (1, 2, 3, 4), Nick Galea (5, 6, 8) u Victor Falzon (7)

# Tellieqa Tajr

**Fis-6 Ottubru 2013 ħames Leaders tal-Falko għamlu tellieqa kontra l-ħin biex jaraw kemm kapaċi jilmħu għasafar f'ġurnata. Il-mira: 50 speċi! Tgħidilna iktar Anne-Marie Austad**

Kien għadu kemm beda jbexbex x'ħin wasalna Foresta 2000. Qbiżna mill-karozza bix-xewqa li naraw xi buqrajq kmieni kmieni, imma x-xorti ma kinitx magħna. Biex tgħaxxaq beda tiela' sħab iswed tuta. Fuq arblu tad-dawl rajna żewġ Spanjuletti u rajna ieħor jissaqqar.

Inżilna l-Għadira u kif dħalna bdiet nieżla xita qliel. Minħabba f'hekk ma rajniex għasafar daqs kemm xtaqna, għax dawn fix-xita jidħlu jistkennu. Imma xorta rajna xi għasafar tal-plajja, fosthom Pispisella tad-Dabra, Girwiel u xi Monakell inaqqru d-dud mit-tajn.




Għajjenin imma kuntenti fi tmiem l-attività, it-tim jippużaw bil-flokk speċjali tal-okkażjoni.

Għad-9am wasalna s-Simar. S'issa konna rajna 22 speċi biss, ix-xita kienet għadha nieżla u kważi qtajna qalbna li ntellgħu 50 speċi. Imma t-temp fetaħ, l-għasafar bdew ħerġin u għamilna l-kuraġġ. Ħadna ħafna gost bi Vjolin tal-Faxx, għasfur rari mis-Siberia. Għasfur ieħor speċjali kien Russett Abjad li qgħadna ngawduh jaqbad il-Bużaqq. Il-lista telgħet għal 39 u issa konna kunfidenti li nilħqu n-numru maġiku!

Mis-Simar morna l-Qawra, fejn rajna koċċ gawwi jistrieħ fuq il-bagi u xi bgħadan deħlin l-art. Imbagħad ħadna ġelat imma kważi waqqajnieh x'ħin rajna qatgħa Rsieset Griżi jduru fil-baxx fuqna!

Ħrabna għaċ-Chadwick Lakes, fejn żidna erba' speċi oħra, fosthom Fjamma, għasfur tal-passa vera sabiħ. Issa ftit kien fadlilna biex nilħqu l-50 u ħsibnieha sew fejn jaqbel immorru. Iddeċidejna fuq l-Imtaħleb u Miġra l-Ferħa, għax għedna hemm tkun l-ewwel art li jsibu l-għasafar tal-passa li jkunu deħlin minn fuq il-baħar. U kellna raġun! Rajna l-ewwel Buċaqq tax-Xitwa, imbagħad Kuda, Buċaqq tas-Silla. Rajn wkoll Merill jiekol fix-xagħri, u Bufula Ħamra.

X'ħin tlaqna għall-Buskett kien fadlilna biss żewġ speċi biex nilħqu l-isfida. Il-masġar li hemm il-Buskett jiġbed lejh varjetà ta' għasafar. Bilkemm wasalna x'ħin mit-tieqa tal-karozza rajna Seqer tal-Ħannieqa jaqbad l-insetti mill-ajru. Tlajna 49! Kollna ħeġġa ħarisna u ttrumbjajna lejn is-sema u s-siġar għall-aħħar speċi. Konna viċin ħafna l-linja tat-tmiem u l-ħin kien għaddej. U fl-aħħar, wara 12-il siegħa berdwoċing, l-għasfur li għaqqdilna l-50 kien Bies. Kumbinazzjoni l-Bies huwa l-logo tal-Falko u li lkoll kellna stampat fuq il-flokk!

Tassew fraħna li kien irnexxielna. Iħaqna l-isfida, urejna li f'Malta wkoll hawn varjetà sabiħa x'tara, u wrejna kemm il-berdwoċing jista' jkun passatemp eċitanti u mimli sorpriżi.

Din kienet l-ewwel *bird-race* li qatt saret Malta imma mhix se tkun l-aħħar. Is-sena d-dieħla nagħmlu oħra!




1 **Pitirross** (6.45am F)
2 **Bufula tal-Għollieq** (6.50am F)
3 **Bufula Sewda** (6.50am F)
4 **Tal-Bejt** (7.00am F)
5 **Ta' San Martin** (7.00am F)
6 **Spanjulett** (7.05am F)
7 **Agrett Abjad** (7.10am F/G)
8 **Russett Griż** (7.10am F/G)
9 **Tiġieġa tal-Baħar** (7.10am F/G)
10 **Ħuttafa** (7.20am F)




11 **Sturnell** (7.20am F)
12 **Gawwija Prima** (7.35am F)
13 **Gallozz Iswed** (7.50am G)
14 **Monakella** (7.50am G)
15 **Tertuxa** (7.50am G)
16 **Girwiel** (8.00am G)
17 **Swejda Ċara** (8.05am G)
18 **Pispisella tad-Dabra** (8.05am G)
19 **Gamiema tal-Kullar** (8.10am G)
20 **Monakella Prima** (8.25am G)




21 **Bekkafik** (8.30am G)
22 **Bekkaċċ** (9.05am S)
23 **Blonġun Żgħir** (9.15am S)
24 **Sarsella** (9.45am S)
25 **Russett Abjad** (9.45am S)
26 **Gallozz tax-Xitwa** (9.50am S)
27 **Kapinera** (9.50am S)
28 **Bufula tal-Qasab** (9.55am S)
29 **Blonġun Sekond** (9.55am S)
30 **Qerd in-Naħal** (10.00am S)







31 **Sparvier** (10.00am S)
32 **Bufula tal-Imrewħa** (10.00am S)
33 **Zakak tad-Dell** (10.05am S)
34 **Vjolin Safrani** (10.10am S)
35 **Vjolin tax-Xitwa** (10.10am S)
36 **Vjolin tal-Faxx** (10.20am S)
37 **Bagħdan Aħmar** (12.25pm Q)
38 **Alwetta** (12.50pm Q)
39 **Gawwija Rasha Kannella** (1.30pm Q)
40 **Kuċċarda** (3.00pm CL)
41 **Fjamma** (3.05pm CL)




42 **Ħawwiefa** (3.10pm CL)
43 **Għaġħaħ** (3.10pm CL)
44 **Kuda** (3.30pm M)
45 **Merill** (3.30pm M)
46 **Buċaqq tas-Silla** (3.35pm M)
47 **Buċaqq tax-Xitwa** (3.50pm MF)
48 **Bufula Ħamra** (4.05pm MF)
49 **Seqer tal-Ħannieqa** (4.30pm B)
50 **Bies** (5.20pm B)







Din it-tellieqa saret fl-okkażjoni ta' EuroBirdwatch 2013. Il-EuroBirdwatch issir kull sena madwar l-Ewropa biex tqajjem interess fl-għasafar u l-berdwoċing.



# Ħbieb Falkuni!

Allavolja għadha ma bdietx kesħa, l-għasafar żgħar bħal pittirrossi, kapineri u fjammi jafu li ġejja x-xitwa u għalhekk diġà qed jpassu mill-Ewropa għall-Afrika biex jiffrankaw il-ksieħ tax-xitwa. Uħud jibqgħu Malta għax-xitwa imma l-maġġoranza jaqsmu l-baħar u jmorru jqattgħu x-xitwa l-Afrika ta' Fuq. Xi għasafar anke jaqsmu d-deżert Saħara!




Malta importanti ħafna għall-għasafar tal-passa għax hawn ikollhom iċ-ċans jieqfu biex jistrieħu u jieklu ħalli jrabbu biżżejjed enerġija għat-triq twila fuq il-baħar li jkun għad fadlilhom sa ma jaslu l-Afrika.

Min ġie l-attività ta' Kemmuna f'Ottubru kellu ċ-ċans jara ftit ringing. Dakinhar ġew irringjati biss biss mal-mitt pittirross mir-ringers fir-ringing station li għandha l-BirdLife fuq Kemmuna.

Ir-ringing importanti għax jgħinna nagħmlu riċerka u studju tal-għasafar. Wara li jinqabad f'xibka apposta, l-għasfur jagħmlulu ċurkett ma' siequ bl-indirizz tal-BirdLife Malta u numru uniku. Iċ-ċurkett ikun ħafif ħafna ħalli ma jdejjaqx lill-għasfur, u jvarja fid-daqs skont il-ħxuna ta' siequ. Imbagħad ikejlulu l-ġewnaħ u jiżnuh. Ġieli l-istess għasfur jerġa' jinqabad wara ftit jiem u r-ringer jinnota li l-għasfur ikun żdied fil-piż (anke b'xi 10g, li għal għasfur żgħir huma ħafna). Dan ifisser li jkun sab x'jiekol, u ħafna drabi jkun lest biex ikompli jpassi. Importanti li jżid fil-piż għax waqt li jkun qed jaqsam ibħra u deżert mhux se jkollu fejn jieqaf jieħu *snack*!

Permezz tar-ringing skoprejna li l-għasafer li jaslu Malta fil-passa jiġu l-iktar mill-Ewropa Ċentrali u mil-Lvant. Per eżempju dil-ħarifa f'Malta nqabad bekkafikk li kien irringjat fir-Republika Ċeka, u żewġ ħuttafiet waħda mis-Slovenja u l-oħra mid-Danimarka. Dawn kellhom ċurkett bil-pajjiż ta' fejn ġew irringjati u n-numru uniku tagħhom.

Nisperaw li narawkom l-attività li jmiss.



Anne-Marie

**Anne-Marie Austad**
Falko Leader



Timothy Micallef

**Ringer tal-BirdLife qed jirringja pitirross. Fir-ringing tintuża tnalja speċjali b'toqob ta' daqsijiet differenti skont il-ħxuna ta' sieq l-għasfur.**

# Ħarġa waħda... ...żewġ riservi!

FALKO

Is-Simar nature reserve

Għadira nature reserve

Hekk hu! Ħa nżuru ż-żewġ riservi tal-BirdLife fl-istess ġurnata! Dawn huma l-Għadira u s-Simar, ekosistemi uniċi u importanti għall-għasafar. Billi fihom l-għadajjar, jiġbdu ħafna speċi t'għasafar. Ħa nibdew mill-Għadira u wara ftit berdwoċing hemmhekk nimxu lejn Għajn Żejtuna, l-Imġiebaħ u l-Mistra. Tinstema' triq twila imma tinkwetawx, aħna nieqfu spiss biex nitpaxxew bil-ġmiel ta' xi għasfur jew bil-pajsaġġ li f'dawn l-inħawi sabiħ ħafna. Minn hemm imbagħad niġbdu lejn Is-Simar. Jekk qrajtu l-artiklu f'paġna 8 forsi tgħidu min jaf kemm ħa tkun twila l-lista tal-għasafar. Mod wieħed hemm biex tkunu tafu: ejjew il-ħarġa!



**Data** il-Ġimgħa **13 Diċembru 2013**
**Niltaqgħu 9am** quddiem ir-riserva tal-Għadira
**Nispiċċaw 4pm** fir-riserva tas-Simar (fix-Xemxija)
**Ġibu** ikel u xorb • żarbun tajjeb għall-mixi • tromba • kamera
**Età Falko 13+**

Ta' min niltaqgħu ftit fil-vaganzi tal-Milied. F'dak iż-żmien il-Buskett ikun mimli għasafar. Pitirrossi, mlievez, kapineri u vjolini kull fejn tħares u dawn ma joqogħdux kwieti, u speċjalment filgħodu l-arja tkun mimlija għana! Ħa jkollna ċ-ċans ukoll nosservaw ftit ringing li jsir minn ringers liċenzjati. Wara nimxu ftit lejn l-inħawi ta' Ħad-Dingli ngawdu l-veduta.



Desirée Falzon

# Mixja tal-Milied




**Data** Il-Ġimgħa **27 Diċembru 2013**
**Ħin 9am** sa xi **1pm**
**Niltaqgħu u nispiċċaw** fit-**Tinda** tal-Buskett
**Ġibu** ikel u xorb • żarbun tajjeb għall-mixi • tromba • kamera
**Età Falko 13+**

**RAPPORT**

## Meta morna Kemmuna...

Maria Cassar

Nhar is-Sibt 26 Ottubru iltqajna fis-7.30am għall-attività tant mistennija ta' Kemmuna. Għalija kienet esperjenza eċitanti għax qatt ma kont għadni mort Kemmuna. Rajna għasafar differenti li kienu qed ipassu minn fuqna fosthom **spanjulett**, **mlievez** u **sturnell**. Fl-osservatorju tal-BirdLife rajna għasafar bħal **pitirross**, **buċaqq tax-xitwa** u **fjamma** li xi ringers kienu qed jagħmlulhom ċurkett żgħir u jeħdulhom kejl tal-ġewnaħ u l-piż. Wara rħejnielha għal mixja mad-dawra ta' Kemmuna, fejn osservajna ġmiel ta' natura li rari taraha fil-ħajja ta' kuljum. Dħalna ġol-Batterija ta' Santa Marija li tinsab f'tarf minnhom tal-gżira u stajna naraw il-veduta ferm aħjar. Għal xi 5pm qbadna d-dgħajsa lura lejn Malta, u waqt il-vjaġġ gawdejna ftit il-Blue Lagoon u rajna ħafna daħliet ta' għerien li hemm mad-dawra ta' Kemmuna. Kienet ġurnata ferm interessanti li għenitni napprezza aktar is-sbuħija ta' pajjizi u nitgħallem dwar l-għasafar li jpassu mill-gżejjer Maltin. Inħeġġiġkom tattendu l-attivitajiet Falko. Gost garantit!

Jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko **dejjem** ċempel **99214143 / 99809190** jew ibgħat imejl lil **falkoblm@gmail.com**.






Victor Falzon

Elisabeth Conrad

# Selmunett

## Gżira waħda żgħira

Għalkemm ngħidulhom il-Gżejjer Selmunett (jew il-Gżejjer ta' San Pawl), fil-verità dawn il-'gżejjer' huma magħqudin b'medda art li tinstab fil-baxx ħafna. Fil-fatt (sakemm ma jkunxu baħar imqalleb) faċli timxi minn naħa għall-oħra bla ma xxarrab saqajk. Għalhekk nistgħu nqisuhom gżira waħda. Selmunett fiha inqas minn 900m tul u l-iktar parti wiesgħa hija biss xi 200m. Hija gżira żgħira imma b'natura interessanti. Minbarra li hija Sit Natura 2000, Selmunett ilha mill-1993 riserva naturali, b'diversi restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet li jistgħu jsiru hemmhekk.

## Flora endemika

Kif tistgħu timmaġinaw, il-flora ta' din il-gżira kapaċi tadatta sew għall-ħajja max-xatt, għax kull parti ta' Selmunett hija influwenzata ħafna mill-baħar li jdawwarha. Dan l-ambjent mhu faċli xejn għall-ħajja – pjanta taf filli ssib ruħha taħt il-baħar u filli barra mill-ilma, spiss miksija bil-raxx mielaħ, b'irjieħ qawwijin fuq bażi regolari, u ma ninsewx ukoll in-nixfa qawwija tas-sajf. Minkejja dawn id-diffikultajiet, fuq din il-medda art żgħira nsibu veġetazzjoni interessanti li tinkludi diversi speċi endemiċi jew rari. Insibu per eżempju l-**Limonju ta' Zerafa**, speċi mhedda, il-**Limonju ta' Malta**, ix-**Xebb** u l-**Bebuna tal-Baħar**. Insibu wkoll ix-**Xewk tal-Gaġġa** (ukoll speċi mhedda u li ftit fadal minnha fil-pajjiż) u l-**Papocci ta' Malta**.

## Fawna rari

Il-fawna ta' Selmunett ukoll trid tkun kapaċi tgħix f'kundizzjonijiet xejn faċli, u għalhekk insibu diversi speċi ta' invertebrati li huma adattati għall-ħajja f'ambjenti diffiċli, fosthom diversi speċi ta' bebbux, ħanfus u ħnieżer l-art,

Victor Falzon






Victor Falzon

Il-**Bebuna tal-Baħar** (Maltese Sea Chamomile) hija endemika.






Aron Tanti

fosthom speċi endemiċi. Sa ftit snin ilu, kienet tinstab ukoll popolazzjoni ta' fenek selvaġġ fuq Selmunett, imma din inqerdet kaġun ta' mard. Forsi l-iktar annimal magħruf ta' dil-ġżira hija l-Gremxula ta' Selmunett. Proprjament hija l-istess speċi bħalma naraw tiġri fil-ġonna tagħna, imma l-gremxul ta' Selmunett huwa razza b'ilwien kemmxejn differenti, u tinsab hemmhekk biss. X'aktarx li minħabba li Selmunett ilha maqtugħa mill-bqija ta' Malta, il-gremxul li kienu fuqha ftit ftit evolvew b'mod differenti u ffurmaw sottospeċi partikolari.

## Tlifnieha?

Illum hemm dubju serju dwar jekk il-Gremxula ta' Selmunett għadhiex fil-fatt teżisti. Dan għaliex, sfortunatament, fuq Selmunett wasal ukoll annimal ieħor li għamel ħafna ħsara, kemm lill-gremxul kif ukoll lil speċi oħra ta' natura. Qed nitkellem fuq il-Far, annimal li jiekol minn kollox u li l-popolazzjoni tiegħu kapaċi tikber ħafna f'qasir żmien.

Ftit snin ilu beda programm biex jinqerdu l-firien minn fuq Selmunett, imma minkejja li l-proġett ħalla riżultati tajjeb, xorta jibqa' ħafna xogħol x'isir.

Tkun tassew ħasra li kellna nitilfu din il-ġawhra żgħira ta' natura fil-Gżejjer Maltin!

Joe Sultana




Il-**Gremxula ta' Selmunett** *Podarcis filfolensis kieselbachi* hija probabbli estinta.

Aron Tanti



Il-**Papoċċi ta' Malta** (Maltese Toadflax) tinsab biss f'Malta u f'Lampedusa u Linosa, żewġ gżejjer żgħar ġirien tagħna.



# Ħareġ.




# Il-Kalendarju 2014 tal-BirdLife

Għall-bejgħ €2.50 miċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex jew mir-riservi tal-Għadira u s-Simar